# Ir-Rebbiegħa

Kemm inħossni rilassata,
Għadda ż-żmien ta' kesħa u bard;
In-natura qed tistenbaħ,
Mill-blanzun ħiereġ il-ward.

Naħla ttir minn fjura għal oħra,
Waqt li ddakkar nektar bnin;
Il-farfett joħroġ jittajjar,
Biex jurina l-kulur fin.

It-tpespisa tal-għasafar,
L-omm iżżoqq il-frieħ ċkejknin;
Dawn ix-xeni impekkabbli,
Jagħmlu l-qlub wisq ferħanin.

Waqt li b'dan il-ġmiel nitpaxxa,
Moħħi dlonk jiftakar f'din:
Dinja hienja kollha paċi,
Li hi nieqsa wisq f'kull ħin!

**Cynthia Camilleri Cauchi**